MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 390/2006

Kawza fil-lista: 41

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi A B u l-konvenuta izzewgu fil-Knisja ta' San Bastjan Hal Qormi fis-16 ta' Settembru 1989, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi, kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fis-16 ta' Settembru 1989, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b' mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li "l-esponenti ma ghamlet xejn li rrendiet iz-zwieg null."1 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

[1] Fol.10

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fis-16 ta' Settembru 1989 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta' l-attur, fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha taghha l-konvenuta "topponi bil-qawwa kollha"2 ghat-talba ta' l-attur.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Settembru 1989, meta allura l-attur kellu 19-il sena u l-konvenuta kellha 20 sena, u wara li kienu ilhom sentejn johorgu flimkien. Minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal li twieldu fit-28 ta' Gunju 1990 u fl-10 ta' Gunju 1993. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa hmistax [15]-il sena, il-partijiet isseparaw de facto meta l-attur telaq mid-dar konjugali biex imur jghix ma' mara ohra.

*Verzjoni ta' l-Attur*

Illi l-attur jghid li meta huwa beda johrog mal-konventa, din mal-ewwel dahlitu d-dar fejn kienet toqghod maz-zija taghha li kienet marida. Il-konvenuta kienet miggielda ma' ommha. Huwa jghid li tul il-perijodu tan-namur huma kienu jqattghu hafna hin ghand iz-zija taghha. Wara ftit, l-attur beda jinduna li l-konvenuta kienet mara aggressiva u litigjuza, u darba minnhom intervjena f' nofs argument li fih il-konvenuta kienet sawtet lil kunginuha.

Meta beda jara dan il-komportament da parti tal-konvenuta, allura gharusa tieghu, l-attur ried jittermina r-relazzjoni, izda dina kienet hedditu li jekk jitlaqha kienet ser taghmel suwicidju billi tibla l-pillolli. Huwa kien thassarha u eventwalment accetta li jkompli bir-relazzjoni. Dan kien circa sena qabel iz-zwieg. Jghid li kien hemm episodji fejn il-konvenuta kienet aggressiva fil-konfront tieghu, izda wara ftit kienu jergghu jirrangaw peress li hu kien jithassarha.

---

2 Nota osservazzjonijiet – fol.102

L-attur jghid li l-konvenuta kienet tinsisti li tizzewweg, u eventwalment huwa kien accetta, nonostante li ommu kienet kuntrarju ghal dan u kienet qaltlu li qed jimxi fl-ghama.  Huwa accetta, nonostante wkoll, li l-ispecjalista kien informahom li l-konvenuta ma setghetx ikollha tfal.

Wara z-zwieg, il-pozizzjoni aggravat, fis-sens li l-konvenuta, allura martu, kienet qed tkun aktar agressiva, verbalment u fizikament, u kienet taqla' l-argumenti fuq ix-xejn.  Isemmi okkazzjoni meta fi glieda, hi dawwritlu habel tat-telephone ma' ghonqu, u okkazzjoni ohra meta, fuq rimarka tieghu, wadbitlu f' wiccu l-flixkun tal-halib tat-tarbija.  Jghid li kien hemm zmien, meta t-tifel il-kbir kellu circa sitt snin, li hu ried jissepara minn maghha, izda dina kienet irnexxielha ddawwarlu fehmtu, u anke minhabba li t-tfal kienu ghadhom zghar hafna, accetta li jkompli fiz-zwieg, u din kienet ir-raguni principali ghaliex gebbed hmistax-il sena f' din il-konvivenza. Jghid pero' li biex jevita l-argumenti u glied, huwa kien ta' spiss jorqod fit-tax jew fil-coach, ghax kien jaf li meta jmur id-dar kien ser isib lill-konvenuta lesta biex targumenta mieghu.

Is-sitwazzjoni aggravat meta n-negozju ta' l-attur falla.  Fi kliemu : "Dan l-inkwiet  beda [sic] meta jiena kelli negozju, u kien fallieli, kien iggrava l-inkwiet.  [It-tifel il-kbir] kellu sitt snin".3

Jghid li martu kienet  tghajjat u terfa' jdejha, mhux biss fuqu, izda anke fuq it-tfal, u, fl-affidavit tieghu, jghid li "Hija kellha problemi serji, u ma rieditx tammetihom. Il-vjolenza taghha kienet eccessiva. Jien ipprovajt nghinha kemm-il darba.  Mort anke maghha ghand psikjatra [Hal Balzan]. Kienet dejjem tghajjat u tidghi ghalxejn....Konna morna l-ewwel sezzjoni flimkien, imbaghad kont minghalija li hi baqghet tmur, meta darba fost ohrajn cempilli l-psikjatra stess biex jara ghalfejn C waqfet tmur tarah."4 Jghid li eventwalment telaq mid-dar konjugali ghax ma felahx izjed. "Gimgha wara li tlaqt, dahlet l-Isptar fis-sezzjoni tal-

[3] Fol.39 – sottolinear tal-Qorti
[4] Fol.27

mard mentali. Kien baghat ghalija l-psikjatra, u x' hin ghidtlu minn x' hiex kont ghaddejt maghha spicca biex qalli li kelli ragun. Hija kellha problemi serji mit-tfulija taghha. Jien ipprovajt nghinha kemm-il darba."5

*Verzjoni tal-Konvenuta*
Illi tghid li, kemm matul is-sentejn perijodu tan-namur, u kemm sa sitt snin tul il-konvivenza matrimonjali, huma kienu jinhabbu ; u in fatti kienu xtraw dar bejniethom, izzewwgu u kellhom zewgt-it tfal, b' korriment fl-intervall. L-att taz-zwieg, kemm qabel u kemm wara z-zwieg, kien jithalla miftuh ghat-tfal.

Tghid, li huwa minnu li tul il-perijodu tan-namur huma kienu jqattghu hafna zmien ghand iz-zija taghha, li kienet marida, u li kienet rabbietha mit-twelid ; izda l-attur kien kuntent b' dik is-sitwazzjoni, ghax kien ihobb lill-konvenuta, allura gharusa tieghu. Anke ommu kienet kuntenta biha, tant li kienet hetitilha l-ilbiesi tat-tieg. Tichad li kienet thedded lill-attur li taghmel suwicidju jekk jitlaqha, u, ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn kienu jargumentaw, qatt ma kissru r-relazzjoni taghhom ghal tul ta' zmien.

Il-konvenuta tichad li hi kienet vjolenti, kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, u t-tfal kienet biss tikkorreggihom, filwaqt li l-attur kien ihallihom jaghmlu li jridu. Huma kienu jinhabbu, u matul l-ewwel sitt [6] snin tal-konvivenza kienu ferhanin fiz-zwieg, u ma kienx hemm problemi. Kienu hadu hanut tal-laham, u hi kienet tghinu hafna fit-tmexxija tieghu, anke meta kienet tqila.

Il-folja nqalbet ghal hazin meta, wara sitt snin taz-zwieg, indunat li l-attur kien qed jilaghab il-flus li kien idahhal mill-hanut minflok li jhallas il-pagamenti tas-self, bir-rizultat li l-bank ried flusu u hadilhom id-dar matrimonjali li eventwalment inbieghet bis-subbasta. "l-argumenti nqalghu met hu ghamel id-dejn u hadulna d-dar; hemmhek bdew jinqalghu l-argumenti, u sirt naf hafna

5 Aff. fol.27

problemi li ghamel."[6] Fil-frattemp sid il-hanut hadu lura peress li l-attur ma baqax ihallsu. Kien dan il-komportament abuziv da parti ta' l-attur, rizultat tal-vizzju tal-loghob li huwa qabad matul il-konvivenza ma' l-attrici, li wassal biex ixellef ir-relazzjoni bejn il-partijiet. B' dana kollu l-konvenuta xorta kienet baqghet disposta li tibqa' fiz-zwieg u tghin lil zewgha l-attur. Hija tghid li kienet tissaportjah "hafna hafna"7 fil-problemi tal-flus.

Eventwalment l-attur impjega ruhu bhala sewwieq tal-coaches, izda wara, skopriet li l-attur kien qed jittanta mara ohra, u kienet qed tissuspetta li kellu relazzjoni extra matrimonjali. Dan kien wara ghaxar snin tal-konvivenza matrimonjali. Sussegwentement, irrizulta li dawn is-suspetti kienu fondati ghax eventwalment, wara hmistax il-sena ta' konvivenza, l-attur telaq mid-dar konjugali u mar jghix ma' din il-mara.

Rigward l-istat mentali taghha, tghid li, ftit qabel ma l-attur telaq mid-dar, u minhabba r-relazzjoni li kellu, huma kienu marru ghand specjalista, izda dina ma kienitx tatna pilloli u kienet qaltilhom li l-konvenuta kienet qabditha "ftit depression" bit-trawma li ghaddiet fiz-zwieg. Mhux vera li kienet marida, kien hemm biss nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet mizzewwgin u suspett ta' infedelta' da parti ta' l-attur, li kienet qed taffettwa lill-konventa negattivament. Kien sussegwentement, wara li l-attur telaq mid-dar konjugali, li l-konvenuta giet rikoverata fil-unit psikjatriku ta' l-Isptar.

Il-konvenuta tichad li kienet vjolenti waqt iz-zwieg, izda tghid li, meta beda jinqala' l-inkwiet finanzjarju tal-partijiet, l-attur kien jidhol id-dar irrabbjat u kien ikun aggressiv. Fi kliemha : "Kellna business, kellna hanut, u r-ragel kien jitla' mill-Marsa ndannat ikisser id-dar, u jidghi, ghax ikun xeba jilghab flus il-Marsa, u jilta' jkisser id-dar ghax nghidlu cemplu n-nies biet thallas id-dejn li qed taghmel."8

[6] Fol.78
[7] Fol.69
[8] Fol.59

Sussegwentement, wara li kien telaq mid-dar, kien hemm episoju ta’ vjolenza da parti ta’ zewgha fuqha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u ezaminat l-affidavits ezebiti, hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta. Il-Qorti thoss li l-konvenuta kienet veritiera meta qalet li matul l-gherusija huma kienu ferhanin u jinhabbu u li t-tnejn li huma riedu li jizzewwgu. Dan jinsab korroborat mill-fatt li matul l-perijodu kollu tal-gherusija l-attur kien accetta s-sitwazzjoni li l-partijiet iqattghu hafna mill-hin taghhom ghand zijitha li kienet marida ; wkoll, il-partijiet kienu xtraw dar b’ self, intiza sabiex tkun id-dar matrimonjali taghhom ; u inoltre, anke f’ dak l-istadju, kien ikellhom relazzjonijiet intimi miftuha ghat-tfal. Il-Qorti taccetta wkoll bhala veritiera l-verzjoni tal-konvenuta li l-ewwel sitt snin taz-zwieg kienu bla problemi, u l-partijiet kienu ferhanin. Dan isib konfort fil-fatt li l-partijiet komplew jaghmlu l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal bir-rizultat li kellhom zewgt-it tfal, apparti l-korriment. L-inkwiet bejn il-partijiet beda meta t-tifel il-kbir kellu kwazi sitt snin, u ghalhekk circa sitt snin ta’hajja konjugali, u r-raguni principali ta’ l-inkwiet matrimonjali kien gej mill-fatt li l-attur ma kienx baqa’ jhallas il-pagamenti tal-loan mill-introjtu tal-hanut li kienet tahdem fih il-konvenuta wkoll, bir-rizultat li l-bank kreditur hadilhom id-dar matrimonjali, iz-zewg karrozzi, u eventwalment tilfu wkoll il-hanut. Dan kien il-fonti ta’ l-inkwiet kollu matrimonjali, li wassal lill-istess konvenuta ghal stat dipressiv li kompla jaggrava meta bdiet tissuspetta li zewgha kellu relazzjoni extra matrimonjali.

Ferm il-premess, il-Qorti ser tikkunsidera l-fatti provati fil-kuntest tal-kawzalijiet proposti mill-attur bhala l-bazi tat-talba tieghu :

*[a] Qerq*

L-attur jghid li l-kunsens matrimonjali tieghu nkiseb b’ qerq dwar kwalita’ tal-konvenuta li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga, fit-termini tal-paragrafu [c] ta’ l-artikolu precitat.

Il-Qorti tosserva in propozitu : [1] li l-attur ma rnexxielux jipprova li l-konvenuta kienet affetta minn tali kwalita'. Ghalkemm hu jsostni li martu kienet mara vjolenti u aggressiva, kemm mieghu, kif ukoll mat-tfal, il-konvenuta cahdet din l-allegazzjoni ;  u mill-provi jirrizulta li kemm waqt l-gherusija kif ukoll fl-ewwel snin taz-zwieg din il-kwalita' attribwita lilha mill-attur kienet inezistenti, tant hu hekk li l-attur kien accetta li jizzewwigha u minnha kellu zewgt-it tfal. [2] Izda, anke *dato non concesso*, dan il-karattru vjolenti ta' martu kien verament jezisti qabel iz-zwieg, huwa kien jaf bih, tant li fix-xhieda tieghu jirrakkonta ncident li fih il-konvenuta kienet sawtet lil kuginuha, u jghid li meta ra dan il-komportament huwa ried jittermina r-relazzjoni maghha.  Dawn il-fatti, sostnuti mill-istess attur, jeliminaw il-fattur tal-qerq li huwa rekwizit essenzjali ghall-konfigurazzjoni ta' dan il-caput nullitatis.

*[B] Discretio Judicii*
Illi l-attur jghid li l-kunsens taghhom it-tnejn kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u dmirijiet essenjali ghall-hajja konjugali, fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

In propozitu l-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li xi hadd mill-partijiet kien affett minn inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li jagharaf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghhom il-partijiet kellhom l-eta' adegwata bil-ligi li jizzewwgu, u ghalhekk, in difett ta' provi li juru l-kuntrarju, il-kapacita' taghhom f' dan ir-rigward ghandha tigi prezunta.  Inoltre, fil-kaz in diszamina jirrizulta li l-partijiet kienu jafu lil xulxin sew qabel iz-zwieg, anke intimament, kienu decizi fuq il-pass li ser jiehdu, tant li xtraw dar flimkien bl-intenzjoni li jqattghu l-konvivenza matrimonjali fiha meta jizzewwgu, u jibnu familja, kif fil-fatt ghamlu.  Il-provi juru li l-partijiet kellhom dak id-dixxerniment necessarju dwar l-import tal-hajja matrimonjali ; di fatti huma kkonvivew fil-hajja konjugali ghal hmistax-il sena li matulhom kellhom zewgt-it tfal, u kien biss meta l-attur ghogbu li jidhol f' relazzjoni

extra matrimonjali li din il-konvivenza spiccat meta telaq mid-dar konjugali, bir-rizultat li martu spiccat fil-unit psikjatriku ta' l-Isptar kawza tad-dipressjoni li qabditha konsegwenzjalment.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jressaq bhala raguni ulterjuri ghat-talba tieghu, l-anomalija psikologika kontemplata fit-tieni parti tal-paragrafu [d]. Il-Qorti tosserva fir-rigward li, apparti mill-fatt li din ma kienitx elenkata bhala kawzali fir-rikors promotur, mill-provi ma jirrizultax li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, dina kienet affetta minn "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg." Il-provi juru l-kuntrarju, stante li jirrizulta li l-konvenuta kienet kapaci taqdi l-obbligazzjonijiet konjugali taghha, kienet tiehu hsieb il-familja u t-tfal u kienet anke tghin lil zewgha fil-hanut ; u kien ferm wara z-zwieg li hija kienet waqet fi stat dipressiv tort tal-komportament abuziv da parti ta' l-attur li bin-nuqqas tieghu li jiggestixxi bil-ghaqal l-introjtu tal-hanut, il-konvenuta spiccat tilfet id-dar li minnha kellha nofs indiviz, zewg karrozzi ; u li dan l-istat aggrava fil-konvenuta meta skopriet li zewgha kien infidil lejha, u eventwalment telaq mid-dar konjugali biex mar jabita ma' din il-mara. Altru milli kunsens matrimonjali difettuz !

Apparti minn hekk ma ngab ebda specjalista jew tabib sabiex jixhed fuq l-istat mentali tal-konvenuta.

*[C] Simulazzjoni*

Illi l-konsiderazzjonijiet fattwali kontenuti fis-sezzjoni [B] huma applikabbli ghal din il-kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla bhala wiehed mill-capita nullitatis il-kaz fejn parti b' att pozittiv tal-volonta' taghha internament teskludi z-zwieg innifsu, jew elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Huwa manifest li dan il-caput nullitatis, attribwit mill-attur liz-zewg partijiet, ma jirrizultax : il-partijiet izzewwgu ghax riedu jikkonviviu flimkien, jipprokreaw flimkien u jrabbu t-tfal flimkien - kif fil-fatt ghamlu, u damu jikkonvivu hekk ghal numru ta' snin sakemm l-attur dahal f' relazzjoni extra matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-attur ma rnexxielux jipprova l-fatti minnu allegati biex isostni l-kawzalijiet mressqa minnu ; fi kliem iehor ma rnexxielux jipprova li z-zwieg tieghu mal-konvenuta martu huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi fuq indikati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------